## 20 ta' Lulju, 1994

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Paul Azzopardi *noe et*

*versus*

Guido Falzon *et*

## Nullità ta' Sentenza - Leġitmazzjoni ta' l-Atti - Aċċettazzjoni ta' Eredita' bil-Benefiċċju ta' l-Inventarju - Komputazzjoni ta' Imgħaxijiet - Prova ta' Att Ġudizzjarju.

*Ma tistax titqajjem in-nullita' ta' sentenza għab-bażi tal-fatt li l-atti tal-kawża ma ġewx leġittimati wara l-mewt ta' wieħed mill-kontendenti jekk il-persuna li tqajjem dan l-aggravju kellha ukoll interess li l-atti jiġu regolarizzati u jekk din il-persuna naqset li tgħaddi l-informazzjoni relattiva biex il-proċeduri jiġu regolarizzati.*

*Meta Qorti tiġi indikata lilha l-eżistenza ta' att ġudizzjarju, ma tistax dik il-Qorti tippenalizza dik il-parti jekk l-istess ma tippreżentax kopja awtentikata ta' l-istess att ġudizzjarju, peress illi l-atti ġudizzjarji huma atti ta' dawn il-Qrati u ma hemmx bżonn li l-eżistenza u l-konsistenza tagħhom jiġu ppuvati mill-parti. Jispetta lill-Qorti illi jekk ma tridx tivverifika hi, tordna lill-parti illi ġġib il-prova, imma ma tistax tippenalizza lill-parti għaliex din tkun naqset milli tagħmel il-prova ta' l-eżistenza ta' dawk l-atti.*

*Fir-rigward ta' komputazzjoni ta' imgħaxijiet, teżisti ġurisprudenza illi fil-każ ta' kont kurrent, il-bank jistgħu jikkapitalizzaw l-interessi għal żmien inqas minn sena; imma meta tkun saret il-kjużura u likwidazzjoni tal-kont kurrent, din il-kapitalizzazzjoni ma tistax issir jekk mhux skond il-liġi. Għalhekk, mal-kjużura tal-kont kurrent il-bank mhumiex iġġustifikati li jkomplu jikkonsidraw l-istess kont bħala li baqa' miftuħ sabiex ikomplu jaddebitaw lid-debitur bl-imgħaxijiet komposti u 'ledger charges'. Minflok jenħtieġ li l-imgħaxijiet jiġu aġġustati b'mod li jiġu kkalkolati bir-rata ta' 8% bħala interessi sempliċi.*

Il-Qorti,

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' April, 1992, li minnha sar dan l-appell u li taqra hekk:-

'Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni;

Premess illi b'kuntratt ippublikat min-Nutar Remigio Zammit Pace fil-25 ta' Lulju 1978 u li kopja fotostatika tiegħu hija hawn esibita u markata Dok A, l-attur nomine ikkonċeda *'overdraft facilities'* lill-konvenut Guido Falzon bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Premess illi fl-istess kuntratt tal-25 ta' Lulju 1978 Paul Sammut iggarantixxa *in solidum* ma' Guido Falzon għaf-favur tal-*Bank of Valletta Limited* id-debiti ta' l-istess Guido Falzon mal-*Bank of Valletta Limited*;

Premess illi l-attur nomine jinsab kreditur ta' Guido Falzon fl-ammont ta' tlett elef mitejn u wieħed u erbgħin lira Maltija sitta

u disgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm3241.96,8) bilanċ għad-debitu fl- *'Overdraft Account'* tiegħu *mal-Bank of Valletta Limited* (Dok B1 sa B12) - salvi imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru 1981 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Premess illi Paul Sammut miet fis-7 ta' Lulju 1980 u ħalla bħala eredi tiegħu lit-tfal tiegħu u ċjoe' l-konvenuti George Sammut, Salvina mart Guido Falzon, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg;

Premess illi sew Guido Falzon u sew George Sammut, Salvina mart Guido Falzon, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg bħala eredi ta' missierhom Paul Sammut ġew interpellati b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 1981 (Dok C) sabiex iħallsu d-dejn tagħhom, iżda baqgħu inadempjenti;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef mitejn u wieħed u erbgħin lira Maltija sitta u disgħin ċenteżmu u tmenin milleżmi (Lm3241.96,8) bilanċ għad-debitu fl- *'Overdraft Account'* ta' Guido Falzon mal-*Bank of Valletta Limited* - salvi mgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru 1981 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 1981 u l-imgħaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru 1981 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti George Sammut, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore

Borg fejn eċċepew bir-rispett:

Illi l-azzjoni attriċi hija fil-konfront tagħhom intempestiva peress illi huma aċċettaw il-wirt devolut favur tagħhom mis-suċċessjoni ta' missierhom Paul Sammut bil-benefiċċju ta' l-inventarju u għalhekk jinħtieġ illi l-ewwel jiġi llikwidat l-assi tad-'*decuius*' qabel ma jista' jintalab ebda ħlas kwalsijasi mill-attur nomine mingħand l-eċċipjent;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Luigia armla ta' Paolo Sammut fejn eċċepiet bir-rispett;

Illi l-ammont pretiż mill-attur nomine huwa esaġerat għaliex, *inter alia*, jikkomprendi mgħaxijiet komposti, kontra dak permessi mil-Liġi;

Subordinatament u bla preġudizzju għall-premessi, ma japplikax fil-konfront ta' l-eċċepjent il-kunċett tas-solidarjeta' la mad-debitur prinċipali u lanqas ma' l-eredi tal-mejjet żewġha;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom u d-dokumenti minnhom esebiti;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa mill-perit legali, liema inkarigu ġie in segwitu rrevokat minħabba inadempjenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża mnejn jirriżulta wkoll li l-konvenut Guido Falzon baqa' kontumaċi;

Ikkunsidrat li mill-provi jirriżulta suffiċjentement ippruvati li l-kreditur vvantat mill-Bank attur kontra l-konvenut Guido Falzon, id-debitur prinċipali, kien u għadu dovut sal-lum kif mitlub salv interessi ulterjuri. B'garanti tiegħu, il-konvenut Guido Falzon, li baqa' kontumaċi f'din il-kawża kien hemm Paul Sammut li miet u ħalla b'eredi tiegħu lill-konvenuti l-oħra. Dawn eċċepew li l-wirt kien ġie aċċettat minnhom bil-benefiċċju ta' l-inventarju pero' baqgħu ma ssostanzjawx tali fatt bi provi skond il-liġi u lanqas biss taw informazzjoni lill-Qorti sabiex juru jekk dan l-istat ta' fatt, talvolta veritjer baqax hekk inkella le. Eċċepew ukoll li l-ammont mitlub kien esaġerat. Dwar dan xehed Paul Gambina rappreżentant tal-Bank attur fis-sens li hawn si trattava ta' '*overdraft facilites*' fejn allura ma ssirx distinzjoni bejn kapital u interessi u li l-interessi ġew ikkomputati skond il-prassi bankarja. Fi kwalsijasi każ, il-konvenuti ma wrew bl-ebda mod kif u b'kemm l-ammont irreklamat huwa in eċċess ta' dak rejalment dovut;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenut Guido Falzon u filwaqt ukoll li tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra, tilqa' t-talba attriċi kif dedotta kompriżi wkoll l-ikkjamat in kawża Luigia armla minn Paolo Sammut għall-ammont kollu mitlub kompriż il-kap ta' l-ispejjeż u interessi legali kif mitlub sal-ħlas effettiv. L-ispejjeż relattivi għas-seduta peritali tat-22 ta' Mejju 1984 jibqgħu a kariku ta' l-attur nomine';

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti George Sammut, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg li biha interponew appell mis-sentenza msemmija u l-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu li din il-Qorti

jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tagħhom u dana inkwantu t-talba attriċi timmerita li tiġi respinta u minflok l-eċċezzjonijiet issollevati minnhom jimmeritaw li jiġu akkolti, u anke inkwantu li l-istess sentenza hija nulla għar-raġunijiet fuq dedotti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine, appellat;

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti se tibda l-ewwel b'aggravju li l-appellanti qed jipprospettaw u li jirrigwarda allegata nullita' tas-sentenza appellata. Huma jissottomettu illi ikkjamata fil-kawża Luigia armla ta' Paola Sammut mietet numru ta' snin qabel ma' l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza tagħha mingħajr ma l-atti qatt ġew leġittimati. Skond l-appellanti, dan għandu jwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata billi l-ewwel Qorti ppronunzjat sentenza fil-konfront ta' persuna mejta u li kienet mietet ferm qabel ma l-kawża kienet ġiet iddifferita għas-sentenza. Skond l-appellanti dan hu nuqqas attribwibbli esklusivament lill-attur nomine u jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dak li hemm ipprovdut fit-titolu III tal-Kap. 12;

Din il-Qorti tosserva qabel xejn li avolja l-appellanti stess qed iqajmu din il-kwistjoni u ċjoe' l-irregolarita' tal-proċeduri wara l-mewt jew bħala konsegwenza tal-mewt ta' Luigia Sammut, ma jistux isostnu l-argument tagħhom illi n-nuqqas li se mai jeżisti fis-sentenza appellata inkwantu ġiet pronunzjata fil-konfront ta' persuna mejta, hu attribwibbli biss u esklussivament lill-attur nomine appellat. Dana għaliex huma possibilment bħala eredi preżunti ta' l-istess Luigia armla ta' Paolo Sammut kellhom ukoll interess li l-atti jiġu regolarizzati u fi kwalunkwe każ naqsu li jgħaddu l-informazzjoni relattiva biex il-proċeduri jiġu

regolarizzati. Fi kwalunkwe każ jista' jiżdied ukoll illi la fil-prim' istanza u lanqas fil-mori ta' dan l-appell ma ppruvaw jassumu l-atti kemm bħala eredi u/jew bħala kuraturi ta' l-eredita' ta' Luigia armla ta' Paolo Sammut, allavolja l-istess jista' jingħad fil-konfront ta' Paul Azzopardi. Pero' din il-Qorti jidhrilha illi fiċ-ċirkostanzi una volta huma, ċjoe' l-appellanti, ma jirriżultax mill-atti, li almenu kwantu jirrigwarda dan l-appell qed jaġixxu fil-vesti ta' suċċessuri ta' Luigia armla ta' Paolo Sammut, din il-Qorti ma tarax li għandha takkolji t-talba tagħhom għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata minħabba li ġiet ippronunzjata fil-konfront ta' waħda mill-partijiet li kienet ilha mejta xi żmien. Jista' jiżdied ukoll għal kull buon fini u dan in sapport tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti li ma takkoljix it-talba għad-dikjarazzjoni tan-nullita' li fil-proċess ma teżistix il-prova tal-mewt ta' l-istess Luigia armla ta' Paolo Sammut u hemm biss id-dikjarazzjoni mhux ġuramentata ta' l-appellanti li din mietet żmien qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata;

L-aggravju prinċipali ta' l-appellanti jirrigwarda l-parti tas-sentenza appellata fejn din ikkummentat fuq u ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li huma kienu aċċettaw il-wirt ta' missierhom Paolo Sammut bil-benefiċċju ta' l-inventarju u li dana kellu jinċidi fuq it-talba attriċi;

Essenzalment, l-aggravju jikkonsisti fi kritika diretta lejn is-sentenza appellata inkwantu ċaħdet din l-eċċezzjoni fuq il-bażi li l-eċċipjenti, illum appellanti, 'baqgħu ma ssostanzjawx tali fatt, ċjoe' li huma kienu aċċettaw l-eredita' bil-benefiċċju ta' l-inventarju, bi provi skond il-liġi u lanqas biss taw informazzjoni lill-Qorti sabiex juru jekk dan l-istat ta' fatt, talvolta veritier, baqax hekk inkella le.' L-appellanti jissottomettu illi skond l-appellanti, ġaladarba effettivament huma kienu aċċettaw il-wirt

ta' missierhom, Paolo Sammut bil-benefiċċju ta' l-inventarju, u ġaladarba l-istess atti jiffurmaw parti mill-istess atti uffiċjali tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, dan l-istat ta' fatt ma jistax jiġi injorat u ma jistgħux huma jiġu kkundannati *fit-termini* kif ġew effettivament ikkundannati bis-sentenza appellata. L-appellanti jissottomettu li l-konsegwenza tal-fatt li huma aċċettaw il-wirt ta' missierhom bil-benefiċċju ta' l-inventarju hi, li huma responsabbli għad-debitu dovut lill-attur *nomine sal-limitu tal*-konsistenza ta' l-assi ereditarju tad-deċujus u mhux oltre. Dan ifisser, proprju dak li ġie eċċepit minnhom quddiem l-ewwel Qorti, u ċjoè illi l-ewwel jeħtieġ jiġi llikwidat l-assi tad-decujus qabel ma jista' jintalab ebda ħlas kwalsijasi mingħandhom. Ifisser ukoll li huma mhumiex tenuti jagħmlu tajjeb għall-kreditu pretiż mill-attur nomine bi proprjeta' oħra oltre dik derivanti lilhom strettament mill-wirt ta' missierhom;

Din il-Qorti anke in konformita' ma' deċiżjoni reċenti tagħha tirribadixxi illi meta Qorti tiġi indikata lilha l-eżistenza ta' att ġudizzjarju, ma tistax dik il-Qorti tippenalizza dik il-parti jekk l-istess ma tippreżentax kopja awtentikata ta' l-istess att ġudizzjarju, peress illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atti ġudizzjarji huma atti ta' din il-Qorti jew dawn il-Qrati u ma hemmx bżonn li l-eżistenza u l-konsistenza tagħhom jiġu ppruvati mill-parti. Jispetta se mai lill-Qorti illi jekk ma tridx tivverifika hi, tordna lill-parti illi ġġib il-prova, imma ma tistax tippenalizza lill-parti għaliex din tkun naqset milli tagħmel il-prova ta' l-eżistenza ta' dawk l-atti;

*Omissis;*

Dana kwantu jirrigwarda l-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li a bażi tagħha mbagħad ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti llum

appellanti msemmija b'mod li għalhekk ġiet li injorat il-fatt ta' l-eżistenza ta' l-aċċettazzjoni ta' l-eredita' bil-benefiċċju ta' l-inventarju;

*Omissis;*

L-effett tal-benefiċċju li l-liġi tagħti lill-werrieta li tkun bil-benefiċċju ta' l-inventarju huwa fit-termini ta' l-artikolu 890 tal-Kodiċi Ċivili illi:

a) il-werriet ma jkunx obbligat għall-ħlas tad-djun tal-wirt f'iżjed minn kemm jiswew il-ħwejjeġ li jkunu missu;

b) hu jista' jeħles mill-ħlas tad-djun billi jċedi l-ħwejjeġ kollha tal-wirt lill-kredituri, legatarji u wkoll lil dak li jiret flimkien miegħu u li ma jkunx irid jagħmel iċ-ċessjoni bħalu;

ċ) ħwejġu ma jiġux imħalltin ma' dawk tal-wirt, u illi jżomm sħiħ il-jedd tiegħu li jitlob il-ħlas tal-krediti tiegħu kontra l-wirt;

Il-konsegwenza ta' dan kollu hija ovvja u ċjoe' illi oltre l-fatt illi l-ewwel Qorti ma setgħetx tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-appellanti kif issemma diġa' u ċjoe' illi huma kienu aċċettaw l-eredita' ta' missierhom bil-benefiċċju ta' l-inventarju, l-istess Qorti wkoll ma setgħetx tikkundannahom bħallikieku dan il-fatt ma kienx jeżisti;

Il-problema tinqala' minħabba illi l-istitut ta' l-aċċettazzjoni ta' l-eredita' bil-benefiċċju ta' l-inventarju jipprospetta diversi possibilitajiet ta' x'jista' jagħmel l-eredi li jaċċetta l-wirt bil-benefiċċju msemmi u xi drittijiet għandu l-kreditur b'diversi eventwalitajiet. Hemm ukoll il-kwistjoni tal-ko-eredi li ma jkunx aċċetta l-wirt bl-istess benefiċċju u fil-każ preżenti, effettivament,

Salvina mart Guido Falzon li hija wkoll waħda mill-werrieta ta' Paul Sammut, li almenu minn kif jirriżulta fl-atti m' aċċettatx il-wirt ta' missierha bil-benefiċċju ta' l-inventarju, kif għamlu hutha l-konvenuti appellanti odjerni;

Fuq dan din il-Qorti ħasbet u tara illi minħabba illi s-suċċessjoni ta' l-eredita' ta' Paolo Sammut okkorriet tnax-il sena ilu u li minn dak in-nhar il-konsistenza ta' l-assi jista' jkun li tbidlet fis-sens illi seta' żdied il-valur ta' l-immobbli illi tinkludi, kif ukoll peress illi kif jipprevedi l-Kodiċi Ċivili hemm il-kwistjoni wkoll ta' l-amministrazzjoni ta' l-eredita' u r-reża konti li a bażi tagħhom il-posizzjoni tista' tiġi ċċarata aħjar u d-drittijiet rispettivi kemm tal-kreditur kif ukoll tad-debituri jiġu kkristallizzati, din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-istat attwali tal-fatti, almenu kwantu jirrigwarda l-appellanti odjerni tal-lum, il-każ għandu jiġi rimess lill-ewwel Qorti biex isir l-eżerċizzju relattiv ħalli tiġi kkristallizzata l-posizzjoni. Dan qed jingħad fir-rigward ta' l-appellanti odjerni biss, għaliex fir-rigward ta' Guido Falzon il-posizzjoni tidher li hija kkristallizzata, fir-rigward ta' martu jista' jingħad l-istess;

Hemm pero' kwistjoni oħra li ġiet issollevata f'dan l-appell u li hija importanti wkoll anke jekk kif ingħad hemm tnejn mill-konvenuti li m'appellawx;

L-appellanti qed jissottomettu illi huma kienu eċċepew li l-ammont mitlub mill-Bank kien esaġerat. Dwar dan kien xehed Paul Gambina, rappreżentant tal-Bank attur, fis-sens li hawn si tratta ta' *overdraft facilities* fejn allura ma ssirx distinzjoni biex kapital u interessi u li l-interessi ġew ikkomputati skond il-prassi bankarji. L-ewwel Qorti qalet illi l-konvenuti fi kwalunkwe każ ma wrew bl-ebda mod kif u b'kemm l-ammont irreklamat huwa in eċċess ta' dak rejalment dovut;

L-appellanti jikkritikaw din il-parti tas-sentenza appellata u jissottomettu li kif ormai stabbilit fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti, fil-każ ta' kont kurrent, il-bank jistgħu jikkapitalizzaw l-interessi għal żmien inqas minn sena, u dan skond użu rikonoxxut anke mill-qrati tagħna; imma meta tkun saret il-kjużura u l-likwidazzjoni tal-kont kurrent, din il-kapitalizzazzjoni ma tistax issir jekk mhux skond il-liġi. Fi kliem ieħor, mal-kjużura tal-kont kurrent il-bank m'humiex ġustifikati li jkomplu jikkonsidraw l-istess kont bħala li baqa' miftuħ sabiex ikomplu jaddebitaw lid-debitur bl-imgħaxijiet komposti u *ledger charges*, iżda minflok jenħtieġ li l-imgħaxxijiet jiġu aġġustati b'mod li jiġu kkalkolati bir-rata ta' 8% bħala interessi sempliċi;

L-appellanti jissottomettu li l-kumment ta' l-ewwel Qorti illi huma ma wrew bl-ebda mod kif u b'kemm l-ammont irreklamat huwa in eċċess ta' dak rejalment dovut kien inġust fil-konfront tagħhom, peress illi una volta jiġi applikat il-prinċipju ġuridiku li ssemma fuq, il-mod kif u b'kemm l-ammont irreklamat huwa in eċċess ta' dak rejalment dovut jirriżulta mill-istess prospett ta' l-ewwel *draft account* tal-konvenut Guido Falzon esebit mill-attur nomine u ma kienx hemm ħtieġa ta' provi ulterjuri f'dan ir-rigward;

L-appellanti jissottomettu wkoll li l-istess Paul Gambina fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 1984, miżmuma mill-Perit Legali Dr. Richard Galea Debono kien xehed bl-aktar mod sinifikattiv illi 'wara l-*call in* bqajna nikkapitalizzaw l-imgħax kull sitt xhur skond il-prattika bankarja fil-każ ta' *overdraft*.'

Anke hawn l-appellanti għandhom raġun peress li una volta jirriżulta - u din hija waħda mill-ftit provi f'din il-kawża li fuqha ma jistax ikun hemm dubbju - illi si trattava ta' *overdraft facility*

li fi żmien partikolari ġiet irrevokata u l-kont magħluq ma kienx aktar leċitu għall-bank appellat illi mid-data illi fiha l-faċilità spiċċat u l-kont ġie mblukkat ikompli jaddebita interessi komposti. Dan hu l-ewwel punt. It-tieni punt kien illi una volta stabbilit il-prinċipju, il-prova ta' kemm effettivament kellu jkun l-ammont dovut mill-attur, f'dan il-każ partikolari, kif sewwa ssottomettew l-appellanti, temerġi mid-dokumenti li ġew ippreżentati mill-istess Bank u l-kompitu ċertament ma kienx li l-konvenuti jagħmlu eżerċizzju matematiku biex jgħidu lill-Qorti kemm effettivament kellu jkun it-total, iżda li dan l-eżerċizzju jsir mill-Qorti stess a bażi ta' l-istess dokumenti okkorrendo permezz ta' l-għajnuna ta' persuni kkwalifikati fil-materja. Però ċertament ma kienx il-każ li l-Qorti tippenalizza lill-konvenuti, il-għaliex ma ħadmux it-total ta' dak li kienu jippretendu li seta' kien dovut lill-Bank, meta dak li kien quddiem il-Qorti essenzjalment kienet il-kontestazzjoni li huma kienu qegħdin iressqu 'l quddiem u ċjoe' li l-Bank ma kellux dritt jesiġi u jimponi interessi komposti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi dawn il-kwistjonijiet kollha involuti f'dan l-appell u l-istess appell kif ġej u ċjoe':

(1) kwantu jirrigwarda l-eċċezzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata ssollevata mill-appellanti u ċjoe' minħabba li l-ewwel Qorti ppronunzjat sentenza fil-konfront ta' persuna mejta, tiċħad l-istess u dana minħabba li ma nġibux provi fuq daqshekk;

(2) tiddikjara illi s-somma dovuta lill-Bank u li talvolta l-konvenuti jistgħu jkunu tenuti għaliha m'hijiex dik imsemmija fiċ-ċitazzjoni li tinkludi l-imgħaxijiet komposti iżda, somma oħra li tkun maħduma fuq bażi ta' interessi sempliċi bi 8% u dana mill-ġurnata illi ġiet terminata l-*overdraft facility* u għalhekk l-

eżerċizzju jrid isir mill-ġdid u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tiġi rrevokata inkwantu jirrigwarda dan il-punt;

(3) tiddijkara li għalkemm jirriżulta illi l-konvenuti appellanti u ċjoe' George Sammut, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg aċċettaw l-eredita' ta' missierhom Paolo Sammut bil-benefiċċju ta' l-inventarju skond l-atti li jinsabu esebiti fil-proċess u li għalhekk inkwantu s-sentenza appellata ddeċidiet kontrarjament u kkundannathom bħallikieku huma kienu eredi mingħajr dan il-benefiċċju ta' l-inventarju, għandha u fil-fatt qed tiġi rrevokata kif qed jiġi rrevokat ukoll il-kap ta' l-ispejjeż fir-rigward tagħhom li se jiġi rriżervat għall-eventwali sentenza finali;

(4) tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex fl-ewwel lok jiġi stabbilit l-ammont preċiż dovut lill-attur nomine appellat, u fit-tieni lok wara illi jsiru d-debiti verifiki tiġi kkristallizzata l-posizzjoni ta' l-istess appellanti bħala werrieta bil-benefiċċju ta' l-inventarju biex jiġi stabbilit sa liema ammont huma responsabbli lejn l-attur appellat;

L-ispejjeż tal-prim' istanza inkwantu jirrigwardaw l-appellanti odjerni biss qed jiġu rriżervati għall-ġudizzju finali mentri dawk ta' dan l-appell jiġu ssopportati kif ġej u ċjoe': dawk relattivi għall-eċċezzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata jiġu ssopportati mill-appellanti mentri l-ispejjeż l-oħra kollha ta' l-appell ikunu a kariku ta' l-attur appellat.